

32005E0643

10.9.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 234/13

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/643/PESK**tad-9 ta' Settembru 2005****dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (l-Indoneżja)****(Missjoni ta' Monitoraġġ Aceh - AMM)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea (UE) hija mpenjata tippromwovi soluzzjoni paċifika fit-tul għall-kunflitt f'Aceh (l-Indoneżja) u li żżid l-istabbiltà madwar l-Asja tax-Xlokk, inkluż il-progress fir-riformi ekonomiċi, legali, politiċi u fis-settur tas-sigurtà.
- (2) Fil-11 ta' Ottubru 2004, il-Kunsill saħaq l-impenn tiegħu għal Indoneżja aktar unita, demokratika, stabbli u prospera. Huwa saħaq ir-rispett ta' l-UE għall-integrità territorjali tar-Repubblika ta' l-Indoneżja u r-rikonnoxximent ta' l-importaza tagħha bħala imsieħba maġġuri. Il-Kunsill ħeġġeġ lill-Gvern ta' l-Indoneżja (GoI) biex ifittex soluzzjonijiet paċifiċi fiż-żoni ta' kunflitt u ta' kunflitt potenzjal u laqa' d-dikjarazzjoni tal-President Susilo Bambang Yudhoyono li hu kien fi ħsiebu jimplimenta Awtonomija Speċjali għall-Aceh. Il-Kunsill afferma mill-ġdid x-xewqa ta' l-UE li tibni sħubija aktar fil-qrib ma' l-Indoneżja.
- (3) Fit-12 ta' Lulju 2005, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Indoneżja, f'isem il-GoI, stieden lill-UE biex tipparteċipa f'Missjoni ta' Monitoraġġ f'Aceh sabiex tassisti lill-Indoneżja fl-implimentazzjoni tal-ftehim finali dwar Aceh. Il-GoI baġhat invit simili lill-pajjiżi ta' l-ASEAN tal-Brunej, il-Malasja, il-Filippini, Singapore u t-Tajlandja. Il-Moviment għall-Ħelsien ta' Aceh (GAM) wera wkoll l-appoġġ tiegħu għall-parteeipazzjoni ta' l-UE.

- (4) Fit-18 ta' Lulju 2005, il-Kunsill innota r-rapport tal-Missjoni ta' Stima Konġunta fl-Indoneżja/Aceh tas-Segretarjat tal-Kunsill ta' l-UE /tal-Kummissjoni. Huwa laqa' l-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati ta' Helsinki u qabel li l-UE kienet preparata, fil-prinċipju, biex tipprovi osservaturi biex jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Fehim (MoU). Huwa staqsa lill-korpi kompetenti biex jibqgħu jippjanaw għal missjoni possibbli ta' monitoraġġ fuq talba tal-partijiet u biex jistabilixxu kuntatti ma' l-ASEAN u l-pajjiżi ta' l-ASEAN bil-ħsieb ta' kooperazzjoni possibbli minn naħa tagħhom.
- (5) Fil-15 ta' Awissu 2005, il-GoI u l-GAM iffirmaw MoU li jiddettalja l-ftehim u l-prinċipji li jiggwidaw il-kreazzjoni ta' kondizzjonijiet li fihom il-gvern tal-poplu ta' Aceh jista' jiġi manifestat permezz ta' proċess ġust u demokratiku fi ħdan l-istat unitarju u l-kostituzzjoni tar-Repubblika ta' l-Indoneżja. Il-MoU jipprevedi t-twaqqif tal-Missjoni ta' Monitoraġġ Aceh, li għanda tiġi stabbilita mill-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi kontributori ta' l-ASEAN bil-mandat biex tissorvelja l-implimentazzjoni ta' l-impenji meħuda mill-GoI u l-GAM fil-MoU.
- (6) Il-MoU partikolarment jipprovi li l-GoI jkun responsabbli għas-sigurtà tal-persunal kollu tal-Missjoni ta' Monitoraġġ Aceh (l-Indoneżja) u li jiġi konkluż Ftehim ta' Status tal-Missjoni bejn il-GoI u l-UE.
- (7) Il-Missjoni ta' Monitoraġġ Aceh ser titmexxa f'sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u tista' tagħmel ħsara lill-miri tal-Politika Eстера u ta' Sigurtà Komuni kif imniżżla fl-Artikolu 11 tat-Trattat.
- (8) F'konformità mal-linji gwida tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Nizza tas-7-9 ta' Diċembru 2000, din l-Azzjoni Konġunta għandha tiddetermina r-rwol tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli (SĠ/RĠh) skond l-Artikoli 18 u 26 tat-Trattat.

- (9) L-Artikolu 14(1) tat-Trattat jappella għall-indikazzjoni ta' ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu sħiħ ta' implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta. L-indikazzjoni ta' l-ammonti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-estimi finanzjarji tal-Komunità turi r-rieda ta' l-awtorità politika u hi soġġetta għad-disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet ta' impenn matul is-sena rispettiva ta' l-estimi finanzjarji.

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

Missjoni

1. L-UE b'dan tistabilixxi Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (l-Indoneżja), imsejja l-"Missjoni ta' Monitoraġġ Aceh (AMM)", b'fażi operattiva li tibda fil-15 ta' Settembru 2005.
2. L-AMM għandha topera skond il-mandat kif stabbilit fl-Artikolu 2.

Artikolu 2

Mandat

3. L-AMM għandha tissorvelja l-implimentazzjoni ta' l-impenji magħmula mill-GoI u l-GAM skond il-MoU.

4. B'mod partikolari, l-AMM għandha:
- (a) tissorvelja d-demobilizzazzjoni tal-GAM u tissorvelja u tassisti fid-diżarm u d-distruzzjoni ta' l-armi, l-munizzjoni u l-isplussivi tagħha;
 - (b) tissorvelja t-tqegħid f'post ġdid tal-forzi militari non-organiċi u tat-truppi tal-pulizija non-organiċi;
 - (c) tissorvelja r-rintegrazzjoni tal-membri attivi tal-GAM;
 - (d) tissorvelja s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tipprovdi assistenza f'dan il-qasam fil-kuntest tal-kompiti inniżżla fil-punti (a), (b) u (c) hawn fuq;
 - (e) tissorvelja l-proċess ta' tibdil ta' leġislazzjoni;
 - (f) tiddeċiedi każijiet disputati ta' amnestija;
 - (g) tinvestiga u tiddeċiedi fuq ilmenti u allegazzjoni ta' ksur tal-MoU;
 - (h) tistabilixxi u tmantni kollaborazzjoni u kooperazzjoni tajba mal-partijiet.

Artikolu 3

Fażi ta' Ppjanar

5. Matul il-fażi ta' l-ippjanar, it-Tim ta' Ippjanar għandu jkun kompost minn Kap tal-Missjoni/Kap tat-Tim ta' Ippjanar u l-persunal neċessarju biex jiġu ttrattati l-funzjonijiet li jirriżultaw mill-ħtiġijiet ta' l-AMM.
6. Bħala prijorita, għandha titwettaq stima komprensiva tar-riskju bħala parti tal-proċess ta' ppjanar. Din l-istima tista' tiġi aġġornata skond il-bżonn.
7. It-Tim ta' Ippjanar għandu jfassal il-Pjan Operattiv (OPLAN) u jiżviluppa l-istrumenti tekniċi neċessarji biex jiġi esegwit il-mandat ta' l-AMM. L-OPLAN għandu jkisi l-istima komprensiva tar-riskju u għandu jinkludi pjan ta' sigurtà. Il-Kunsill għandu japprova l-OPLAN.

*Artikolu 4**Struttura ta' l-AMM*

Fil-prinċipju, l-AMM għandha tiġi strutturat kif ġej.

- (a) Kwartieri Ġenerali (KĠ). Il-KĠ għandhom jikkonsistu fl-uffiċċju tal-Kap tal-Missjoni u tal-Persunal tal-KĠ, li jkunu jipprovdu l-funzjonijiet neċessarji kollha ta' kmand u kontroll u appoġġ għall-missjoni. Il-KĠ għandhom ikun f'Banda Aceh;
- (b) 11-il Uffiċċju Distrettwali distribwiti ġeografikament, li jwettqu xogħol ta' monitoraġġ;
- (c) 4 Timijiet ta' Diżarm.

Dawn l-elementi għandhom jiġu żviluppati fl-OPLAN.

*Artikolu 5**Kap tal-Missjoni*

- 8. Is-Sur Pieter Feith huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni ta' l-AMM.
- 9. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita Kontroll Operattiv fuq l-AMM u jassumi t-tmexxija ta' kuljum u l-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-AMM, inkluż it-tmexxija tas-sigurtà tal-persunal, ir-riżorsi u l-informazzjoni tal-missjoni.

10. Il-persunal kollu għandu jibqa' taħt l-awtorità ta' l-awtorità nazzjonali jew istituzzjoni ta' l-UE xierqa u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi biss fl-interess tal-missjoni. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-Kontroll Operattiv lill-Kap tal-Missjoni. Kemm matul, kif ukoll wara l-missjoni, il-persunal għandu jeżerċita l-akbar diskrezzjoni fir-rigward tal-fatti u l-informazzjoni kollha relatati mal-missjoni.
11. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinarju fuq il-persunal. Għall-persunal issekondat, azzjoni dixxiplinarja għandha tittieħed mill-awtorità nazzjonali jew ta' l-UE kkonċernata.
12. Il-Kap tal-Missjoni għandu jiddeċiedi fuq kwistjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' l-MoU kif previst fih u skond l-OPLAN.

Artikolu 6

Persunal

13. In-numri u l-kompetenzi tal-persunal ta' l-AMM għandhom ikunu konsistenti mal-mandat tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 2 u l-istruttura tagħha kif stabbilita fl-Artikolu 4.
14. Il-persunal tal-Missjoni għandu jkun sekondat mill-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet ta' l-UE. Kull Stat Membru u Istituzzjoni tal-EU għandu jħallas l-ispejjeż relatati mal-persunal tal-missjoni ssekondati minnu, inkluż is-salarji, il-kopertura medika, il-konċessjonijiet (ħlief għal *per diems*) u l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar.
15. Il-persunal internazzjonali u dak lokali għandu jiġi rekrutat fuq bażi kuntrattwali kif meħtieġ.

16. L-Istati Terzi jistgħu wkoll, kif xieraq, jissekondaw persunal għall-missjoni. Kull Stat Terz li jissekonda għandu jħallas l-ispejjeż relatati ma' kwalunkwe persunal sekondat minnu inkluż is-salarji, il-kopertura medika, il-konċessjonijiet u l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar.

Artikolu 7

Status tal-persunal

17. L-istatus ta' l-AMM u tal-persunal tagħha f'Acceh, inkluż fejn xieraq il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji ulterjuri meħtieġa għall-ikkompletar u l-funzjonament bla xkiel tal-missjoni għandhom jiġu miftiehma skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24 tat-Trattat. Is-SĠ/RĠh, li jassisti lill-Presidenza, jista' jinnegozja tali ftehim f'isimha.
18. L-Istat Membru jew l-Istituzzjoni ta' l-UE li ssekondaw membru tal-persunal għandhom ikunu responsabbli għal kwalunkwe pretensjoni marbuta ma' l-issekondar, minn jew li tikkonċerna l-membri tal-persunal. L-Istat Membru jew l-Istituzzjoni ta' l-UE in kwistjoni għandhom ikunu responsabbli biex jibdeu kwalunkwe azzjoni kontra l-membri tal-persunal issekondat.
19. Il-kondizzjonijiet ta' mpjeg u d-drittijiet u l-obbligi tal-persunal kuntrattwali internazzjonali u dak lokali huma mniżżla fil-kuntratti bejn il-Kap tal-Missjoni u l-membri tal-persunal.

Artikolu 8

Linja ta' Kmand

20. L-istruttura ta' l-AMM għandu jkollha linja ta' kmand unifikata.
21. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jipprovdi l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni.

22. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrapporta lis-SĠ/RGħ.
23. Is-SĠ/RGħ għandu jagħti gwida lill-Kap tal-Missjoni.

Artikolu 9

Kontroll politiku u direzzjoni strateġika

24. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-iskop u t-tul tal-missjoni, skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 25 tat-Trattat. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat ta' emenda ta' l-OPLAN u l-linja ta' kmand. Is-setgħat ta' deċiżjoni fir-rigward ta' l-għanijiet u t-tmiem tal-missjoni għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill.
25. Il-KPS għandu jirrapporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.
26. Il-KPS għandu jirċievi rapporti mill-Kap tal-Missjoni dwar it-tmexxija tal-missjoni f'intervalli regolari. Il-KPS jista' jistieden lill-Kap tal-Missjoni għal-laqgħat tiegħu, kif xieraq.

Artikolu 10

Parteċipazzjoni ta' Stati Terzi

27. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-UE u l-qafas instituzzjonali uniku tagħha, l-Istati Aderenti għandhom jiġu mistiedna u l-Istati Terzi jistgħu jiġu mistiedna biex jikkontribwixxu għall-AMM sakemm iħallsu l-ispejjeż biex jibgħatu l-persunal sekondat minnhom, inkluż is-salarji, l-assigurazzjoni għal Riskju Għoli, il-konċessjonijiet u l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar lejn u minn Aceh (l-Indoneżja), u jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' kuljum ta' l-AMM, kif xieraq.

28. L-Istati Terzi li jagħmlu kontributi lill-AMM għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi f'termini ta' l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-missjoni bħal Stati Membri li jieħdu sehem fil-missjoni.
29. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti u biex jistabbilixxi Kumitat ta' Kontributori.
30. Arranġamenti dettaljati rigward il-parteċipazzjoni ta' Stati Terzi għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim, f'konformità ma' l-Artikolu 24 tat-Trattat. Is-SĠ/RGħ, li jassisti lill-Presidenza, jista' jinneogzja tali arranġamenti f'isimha. Fejn l-UE u Stat Terz ikunu kkonkludew ftehim li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' dan l-Istat Terz fl-operazzjonijiet ta' l-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet, id-disposizzjonijiet ta' tali ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest ta' l-AMM.

Artikolu 11

Sigurtà

31. Il-Kap tal-Missjoni għandu, b'konsultazzjoni ma' l-Uffiċju tas-Sigurtà tal-Kunsill, ikun responsabli biex jiżgura l-konformità ma' l-istandards minimi ta' sigurtà skond ir-regolamenti ta' sigurta miftehma tal-Kunsill.
32. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkonsulta mal-KPS dwar kwistjonijiet ta' sigurtà li jaffetwaw l-insedjament tal-Missjoni skond l-istruzzjonijiet tas-SĠ/RGħ.
33. Il-membri tal-persunal ta' l-AMM għandhom isegwu taħriġ obligatorju fis-sigurtà qabel ma jidħlu fis-servizz.

*Artikolu 12**Arranġamenti finanzjarji*

34. L-ammont ta' referenza finanzjarju maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata ma' l-AMM għandu jkun ta' EUR 9 000 000.
35. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata skond il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-estimi finanzjarji ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni li kwalunkwe pre-finanzjament m'għandux jibqa' l-proprjetà tal-Komunità. Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għandhom jitħallew jissottomettu offerti għall-kuntratti.
36. Il-Kap tal-Missjoni għandu jagħti kont lill-Kummissjoni għal kull nefqa li ssir mill-estimi finanzjarji ġenerali ta' l-UE u għandu għal dak il-għan jiffirma kuntratt mal-Kummissjoni.
37. L-infiq għandu jkun eliġibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-Azzjoni Konġunta.

*Artikolu 13**Azzjoni Komunitarja*

38. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw, kull wieħed skond is-setgħat rispettivi tagħhom, għandhom jiżguraw konsistenza bejn l-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta u attivitajiet esterni tal-Komunità skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3 tat-Trattat. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw għal dan il-għan.
39. Il-Kunsill jinnota wkoll li arranġamenti ta' koordinazzjoni huma meħtieġa f' Banda Aceh u wkoll f'Jakarta, kif xieraq, kif ukoll fi Brussell.

*Artikolu 14**Rilaxx ta' informazzjoni klassifikata*

40. Is-SĠ/RĠ huwa awtorizzat li jirrilaxxa lill-Istat Terzi assoċjati ma' din l-Azzjoni Konġunta, kif xieraq u skond il-ħtiġijiet operattivi tal-missjoni, informazzjoni u dokumenti klassifikati ta' l-UE sal-livell "RESTREINT UE" ġenerati għall-għanijiet tal-missjoni, skond ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill.
41. Fil-każ ta' hteġa operattiva speċifika u immedjata, is-SĠ/RĠ hu wkoll awtorizzat jirrilaxxa lill-Istat ospitanti informazzjoni u dokumenti klassifikati ta' l-UE sal-livell "RESTREINT UE" ġenerati għall-finijiet tal-missjoni, skond ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill. Fil-każijiet l-oħra kollha, tali informazzjoni u dokumenti għandhom jiġu rilaxxati lill-Istat ospitanti skond il-proċeduri xierqa għal-livell ta' kooperazzjoni ta' l-Istat ospitanti ma' l-UE.
42. Is-SĠ/RĠ hu awtorizzat jirrilaxxa lill-Istati Terzi assoċjati ma' din l-Azzjoni Konġunta u lill-Istat ospitanti dokumenti mhux klassifikati ta' l-UE relatati mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill fir-rigward tal-missjoni koperta mill-obbligu ta' segretezza professjonali skond l-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill¹.

*Artikolu 15**Reviżjoni*

Il-Kunsill għandu, mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2006, jevalwa jekk l-AMM għandhiex tiġi estiża.

¹ Id-Deiżjoni tal-Kunsill 2004/338/KE, Euratom tat-22 ta' Marzu 2004 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 106, 15.4.2004, p. 22). Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/701/KE, Euratom (ĠU L 319, 20.10.2004, p. 15).

*Artikolu 16**Dħul fis-seħħ, tul ta' żmien*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tiskadi fil-15 ta' Marzu 2006.

*Artikolu 17**Pubblikazzjoni*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Settembru 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

J. STRAW
